# Tislima lil Ray Mahoney

## Wieħed mill-aqwa poeti liriċi ta' dawn l-aħħar 60 sena

**Noel D'Anastas**

Din il-ġimgħa Malta tilfet lil Ray Mahoney, wieħed mill-aqwa poeti liriċi ta' dawn l-aħħar 60 sena, wieħed mill-membri fundaturi tal-Moviment Qawmien Letterarju li twaqqaf fiż-żmien meta Malta kienet qed tara bidla soċjali, ekonomika u kulturali propju fit-tieni nofs tas-snin sittin.

Ray Mahoney, bniedem riservat, kwiet u edukat, miet nhar it-Tlieta li għadda, 25 ta' Lulju. Il-pjattaformi soċjali xegħlu b'tislima denja għal dak li ħalla minsuġ fil-versi tiegħu. Tislima lill-memorja tiegħu ġiet minn dawk li kienu jafuh, li ħadmu miegħu fuq il-post tax-xogħol, jew dawk li għexu l-memorji sbieħ tal-ħafna musicals u kanzunetti. Magħhom dawk l-eluf li għamlu appuntament mal-programmi tal-qari tan-novelli fuq ir-radju, u dawk li b'xi mod jew ieħor l-isem ta' Ray Mahoney fisser 'artist nobbli', li fittex is-solitudni u żamm 'il bogħod mill-folla, għax kif kiteb hu stess f'waħda mill-isbaħ poeżiji immortali tiegħu. "Kemm hu sabiħ li tkun minsi mill-folla, U ismek isir wens għal qalbek biss." Ismu sar wens mhux biss għalih, iżda għal kull min sema' jew qara l-versi tiegħu.

Ray Mahoney, liriċista mużikali, twieled 74 sena ilu, propju nhar l-1 ta' Ġunju 1949 f'San Ġiljan. Minn żgħożitu ħabb l-ilsien Malti, il-letteratura u kien minn ta' quddiem li ppromwovih. Fl-1967, Raymond Mahoney flimkien ma' Joe A. Grima, Frans Sammut, Mario Azzopardi, Albert Marshall, Charles Flores, Charles Colerio u oħrajn waqqfu l-Moviment Qawmien Letterarju u ħolqu elitiżmu ġdid. Mahoney kien ukoll teżorier fil-bidu tat-twaqqif tagħha. Din jirrakkonta l-ħabib tiegħi Dr Sergio Grech fl-artiklu titolat 'Il-Moviment Qawmien Letterarju: Kontinwazzjoni mal-Għaqdiet Letterarji ta' Qablu?' pubblikat fil-ktieb *Mill-Petali ta' Hajtek – Kitbiet f'Gieħ Oliver Friggieri* (2018).



Ray Mahoney (xellug) flimkien ma' Paul Giordmaina u Georgina, rebbieħa tal-Festival Kanzunetta Maltija għall-Ewropa bil-kanzunetta 'Could it be' fl-1991. Bit-trofew f'idu jidher ukoll il-kompożitur Paul Abela



F'dan ir-ritratt, meħud propju fl-1967 waqt ħarġa għal Għawdex mill-Għaqda Letterarja Maltija, jidhru mix-xellug għal-lemin: Raymond Mahoney, Trevor Zahra, Salv Sammut, u Charles Flores

Ta' 19-il sena kien wieħed mill-awturi ta' 'Antenni'. Mahoney ħareġ diversi pubblikazzjonijiet ta' proża, fosthom "U x-Xitwa fadlilha ġimgħa" li ġiet studjata bir-reqqa minn Caroline Delia fit-teżi tal-baċellerat tagħha fid-Dipartiment tal-Malti fl-Università ta' Malta bit-titlu "Il-karatterizzazzjoni fir-rumanz psikoloġiku 'U x-xitwa fadlilha ġimgħa'." Fl-1985 Mahoney iniedi "Meta r-riħ jonfoħ kontra".

Ix-xogħlijiet letterarji tiegħu jinsabu pubblikati f'għadd ta' antoloġiji, fosthom *Mwieġ*, *Antenni – it-tieni Kwartett*, *Dwal fil-Persjani*, *Għoxrin Rebbiegħa*, *il-Muża Maltija*, *Linji Ġodda*, *Disgħa għal Disgħa*, *Ħodon Qronfol*, *il-Poeżija Maltija*, *Turġien*, *Il-Miġra*, *Ward mal-Mogħdija*, *Qawsalla* u oħrajn.

Bla dubju, waħda mill-poeżiji sbieħ tiegħu hija "Għad fadal għada", miktuba fis-sittinijiet. Skont Peter Serracino Inglott, Mahoney kien "fisser l-esperjenza ambigwa taż-żmien, tal-adolexxenza b'realiżmu li hu l-mertu kbir tal-aħjar kitba tiegħu."

### Awtur ta' bosta kanzunetti b'suċċess

Kienet il-kapulavur 'Ġensna' li żewġet il-lirika ta' Ray Mahoney mal-mużika tal-kompożitur Paul Abela fl-1982, kunsidrata l-aqwa rock opera Maltija. Minn hemm 'il quddiem bdew jikkollaboraw flimkien fil-kitba ta' kanzunetti li bihom kellhom suċċess u popolarità. Fl-1991 kienu rebħu l-Festival Kanzunetta Maltija għall-Ewropa b'*Could it Be/Sejjaħ u Ssibni* interpretati minn Paul Giordmaina u Georgina Abela, klassifikati fis-sitt post fil-Eurovision Song Contest f'Ruma. Sena wara, suċċess ikbar b'*Little Child/Tfajjel Ċkejken* bil-pinna ta' Mahoney u mużika ta' Georgina b'arranġament ta' Paul Abela, twassal lil Mary Spiteri fit-tielet post tal-akbar manifest mużikali fl-Ewropa.

F'dawn il-festivals, Mahoney ikkollabora ma' kompożituri oħra. Fl-1994 rebaħ il-Festival tal-Kanzunetta Maltija b'*Forsi*, mużika ta' Sammy Galea, interpretata minn Doreen Galea u Monalito. *Scarlet Song*, mużika ta' Dominic Galea u l-vuċi ta' Ray Caruana, kienet klassifikata runner-up fl-Festival Kanzunetta għall-Ewropa fl-1994, waħda mill-kanzunetti sbieħ li kien hemm f'dik l-edizzjoni. Fil-Festival Internazzjonali tal-Kanzunetta Maltija tal-2002, *Adagio* ta' Mahoney u Rene Mamo tikklassifika fit-tieni post bl-interpretazzjoni ta' Julie Zahra u Ludwig Galea. Fil-Malta Song for Europe fl-2002, Mahoney u John David Zammit bil-kanzunetta tagħhom *When Comes My Lover* kantata minn Karen Polidano kienet ġiet fit-tieni post.

Barra l-kanzunetta, Ray Mahoney għandu lista twila ta' rock opera u musicals li għalihom kiteb il-versi: Ġensna, Bastilja u Ali Baba ma' Paul Abela; Ulied in-Nanna Venut fl-Amerika, Il-Gwerra ta' Spiru Cefai, Żeża tal-Flagship, It-Tfajla tal-Palazz, It-Tieġ ta' Karmena Abdilla, Manwel Manwel: Il-Bandiera tal-Maltin, Rita ta' Cascia, Jien Ġużeppi, kollha b'mużika ta' Dominic Galea. Fihom hemm il-polz storiku, il-patrijottiżmu jew dak reliġjuż.

Ray Mahoney għandu l-versi ta' diversi oratorji, fosthom l-Oratorju Filippu t'Aġġira għal Ħaż-Żebbuġ. Ikkontribwixxa sew għal Politeatru tal-Fondazzjoni Ġużè Ellul Mercer, fosthom Alexei u X'Fettillek tikkommetti suwiċidju Sur Puxkin?

Lil Mahoney niddeskrivih ukoll bħala 'Il-Poeta ta' San Ġużepp'. Mahoney kellu mħabba kbira lejn San Ġużepp, evidenti fil-poeżiji tiegħu pubblikati fil-paġni ta' L-Orizzont nhar id-19 ta' Marzu jew fl-1 ta' Mejju, u l-bosta ħsibijiet u poeżiji pubblikati fil-programmi tal-festa fl-irħula li jiċċelebraw il-festa ta' San Ġużepp.

Ta kontribut kbir b'diversi programmi fuq One Radio, fosthom is-serje Iltaqgħu Hemm, u l-qari tan-novelli.

Ray Mahoney kien mogħti Diploma tal-Associazione Dio Pan Culturale di Firenze filwaqt li fl-1997 ħa l-unur tal-aħjar awtur fl-edizzjoni ta' dik is-sena tal-Malta Music Awards.

Bla dubju, it-telfa ta' dan il-ġgant poeta se tinħass ħafna. Il-

## X'kitbu dwaru...

**Paul Abela (kompożitur)**

Fl-1982 iltqajna l-ewwel darba biex ikellmuna fuq biċċa xogħol mużikali ambizzjuża li ġiet msemmija 'Ġensna'. Niftakar kemm konna niltaqgħu regolarment daqqa jien nirrekordjalek melodija fuq cassette u daqqa tibgħatli lirika biex nagħmel il-mużika fuqha. Niftakar l-entużjażmu ta' meta morna Sqallija biex nirrekordjawha flimkien mal-kantanti u niftakar fl-eċitament li kellna l-ewwel darba li ttellgħet f'Dar il-Mediterran u niftakar ir-rispons imqanqal tal-udjenza u l-ferħ li ħassejna mal-aħħar applaws!

Kien il-bidu ta' kollaborazzjoni li baqgħet għaddejja għal bosta snin, fejn ktibna żewġ musicals – 'Bastilja' u 'Ali Baba', imbagħad morna għall-Eurovision b'Could It Be u s-sena ta' wara b'Little Child, kif ukoll ikkollaborajna fuq bosta kanzunetti oħra, fosthom Kemm Hu Sabiħ.

Il-pinna tiegħek kienet issaħħar... Xogħlok jibqa' jgħix għal dejjem!

**Alfred Sant (awtur u politiku)**

Tislima mill-qalb lill-ħabib tiegħi Ray Mahoney, poeta b'ħakma totali tal-kelma Maltija u fi twemminu soċjalista minn għeruqu mhux għall-konvenjenza. Raġel li dwar li jkun għaddej, jaf jgħidlek fejn jaqbel u fejn ma jaqbilx, b'kalma, rieda u ġentilezza. Ħafna jafuh bir-raġun bħala l-kittieb tal-lirika tar-rock opera 'Ġensna', meraviljuża fil-ħakma tagħha fuq il-lingwa Maltija biex tfisser it-twegħir u l-kisbiet tal-Maltin u l-Għawdxin matul is-sekli.

Imma Ray Mahoney kiteb ħafna aktar minn hekk, speċjalment fl-ewwel snin tiegħu bħala wieħed mill-poeti tar-Rinaxximent fil-kitba Maltija li seħħ matul is-snin sittin tas-seklu l-ieħor. Il-kontribut tiegħu f'dal-qasam ma jistax jintnesa. Madankollu, jien nibqa' niftakar ukoll fuq kollox il-kalma, rieda u ġentilezza ta' Ray Mahoney bħala bniedem.

**Charles Flores (awtur u ġurnalist)**

Diffiċli wisq għalija biex nikteb fit-tul jew bid-dettalji. Raymond Mahoney kien ħabib għażiż sa minn meta kellna 17-il sena. Tal-Moviment Qawmien Letterarju fl-1967 kienu jsibuna bħala 'ż-żgħar'. Ħriġna flimkien il-ktieb 'Mwieġ' fl-1994 u din il-broadsheet mis-sensiela 'Letteratura tat-Triq' (1977).